# QORTI ĊIVILI
# PRIM’ AWLA
# SEDE KOSTITUZZJONALI

## ONOR IMĦALLEF
## DR FRANCESCO DEPASQUALE
**LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Seduta ta’ nhar il-Ħamis**
**Erbgħatax (14) ta’ Jannar 2021**

**Rikors Numru 47/2018 FDP**

Fl-ismijiet

**Emiliya Valcheva Gatt**

**Vs**

**Il-Kummissarju tal-Pulizija**

**Il-Qorti:-**

1. Rat ir-rikors datat 4 ta’ Mejju 2018, li permezz tiegħu r-rikorrent talab is-segwenti:

   *Illi nhar l-24 ta' Settembru, 2016 għall-ħabta tat-tmienja u kwart ta' filgħaxija (20:15), l-esponenti kienet id-dar tagħha ġewwa Triq Leonard Mahoney, Xgħajra flimkien mar-raġel tagħha Clinton Gatt. Illi fl-istess ħin l-esponenti lmentat mar-raġel tagħha illi huwa ma kienx qiegħed jagħti sehmu u kien qiegħed jonqos milli jgħin finanzjarjament lill-esponenti tmanti u tieħu ħsieb lil binthom.*

   *Illi, Clinton Gatt beda jargumenta mal-esponenti u sussegwentement għal darba, tnejn, tlieta ħebb għall-esponenti. Tali aġir ikkaġuna biża' kbir fl-esponenti li s-sitwazzjoni kienet ser teskala mingħajr kontroll, tant hu hekk illi l-esponenti marret tiġri ġewwa l-kamra tas-sodda tagħha, sakkret il-bieb*

*u ċemplet il-Pulizija fejn infurmawha illi kien jeħtieġ tmur ġewwa l-għassa ta' Ħaż Żabbar sabiex tagħmel ir-rapport tagħha.*

*Illi sussegwentament, PC 998 David Sean Caruana għamel kuntatt ma' Clinton Gatt fejn Clinton Gatt ġie mitlub imur ġewwa l-għassa ta' Ħaż-Żabbar fejn huwa ġie nfurmat illi kienu ser jinħarġu akkużi kontra tiegħu fuq vjolenza domestika. Fil-fatt Clinton Gatt ġie akkużat li:*

- *Ħebb kontra Emiliya Valcheva Gatt sabiex tinġurja, ddejjaq jew taghmel ħsara lill-imsemmija persuna; u*
- *Ikkaġuna biża' li ser tuża vjolenza kontra Emiliya Valcheva Gatt jew kontra l-propjeta' tagħha jew kontra l-persuna jew il-propjeta' ta' xi ħadd mill-axxendenti jew dixxendenti tal-imsemmija persuna.*

*Illi nhar it-13 ta' Jannar, 2017, il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali wara li rat l-imputazzjonijiet kontra Clinton Gatt, sabet lill-imsemmi imputat ħati tal-akkużi kif dedotti mill-Prosekuzzjoni u imponiet ordni ta' protezzjoni ai termini tal-artikolu 412C tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta għal sentejn favur l-esponenti. Dak in-nhar stess u ċioe' nhar it-13 ta' Jannar, 2017, Clinton Gatt talab is-sospensjoni tal-eżekuzzjoni tas-sentenza għal fini tal-appell.*

*Fi stadju ta' appell u b'sentenza ta' nhar l-14 ta' Diċembru, 2017, il-Qorti tal-Appell Kriminali ppreseduta mill-Onor. Imħallef Edwina Grima, il-Qorti tal-Appell laqgħet l-appell interpost minn Clinton Gatt, ħassret u rrevokat is-sentenza ta' nhar it-13 ta' Jannar, 2017 u għaddiet biex illiberat lil Clinton Gatt minn kull imputazzjoni u ħtija.*

*Illi l-esponenti umilment tissottometti illi l-andament tal-proċeduri kriminali fil-konfront ta' Clinton Gatt kien leżiv tad-drittijiet fondamentali tagħha sanċiti mill-Kostituzzjoni tar-Repubblika ta' Malta kif ukoll mill-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fondamentali hekk kif ser jiġi elaborat f'dan ir-rikors u fis-smiegħ tiegħu minn dina l-Onorabbli Qorti.*

***A. Protezzjoni minn Trattament Inuman (Artikolu 36 tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 3 tal-Konvenzjoni Ewropea)***

*Illi nhar l-24 ta' Settembru, 2016 għall-ħabta tat-tmienja u kwart ta' filgħaxija (20:15), l-esponenti rrikorriet ġewwa l-għassa ta' Ħaż Żabbar fejn irrapurtat li r-raġel tagħha Clinton Gatt li kien għadu kif aggrediha u konsegwentament li kienet saret vittma ta' vjolenza domestika.*

*Illi għalkemm Clinton Gatt b'sentenza ta' nhar it-13 ta' Jannar, 2017 instab ħati / ta' vjolenza domestika u ġiet imposta fuqu a favur l-esponenti ordni ta' protezzjoni, b'sentenza sussegwenti tal-Qorti tal-Appell Kriminali ta'*

*nhar l-14 ta' Diċembru, 2017 il-Qorti tal-Appell Kriminali laqgħet l-appell ta' Clinton Gatt, ħassret u rrevokat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati u konsegwentament irrevokat l-istess ordni ta' Protezzjoni maħruġa mill-Qorti tal-Maġistrati.*

*Permezz tal-appell interpost minnu, Clinton Gatt ilmenta illi għalkemm mill-provi prodotti fil-mori tal-proċeduri quddiem il-Qorti tal-Maġistrati jirriżulta illi tali vjolenza domestika seħħet fit-tmienja u kwart ta' filgħaxija, l-imputazzjonijiet maħruġa mill-Pulizija u li effettivament kienu jikkostitwixxu l-mertu tal-proċeduri kriminali in kwistjoni, jirreferu għal inċident li seħħ fit-tmienja u kwart ta' filgħodu.*

*Clinton Gatt ilmenta illi huwa ma seta' qatt jinstab ħati tal-imputazzjonijiet lilu addebitati għaliex dawn jirreferu għal fatti li seħħew fit-tmienja u kwart ta' filgħaxija u mhux kif akkużat il-Prosekuzzjoni hekk kif immexxija mill-intimat Kummissarju tal-Pulizija.*

*Il-Qorti tal-Appell Kriminali fid-deċiżjoni tagħha supra riferita ddeċidiet illi:*

> *"... din il-Qorti ma tistax ma tagħtix raġun lill-appellanti f'dan l-ewwel aggravvju minnu intentat. Dan għaliex immedjatament minn qari ta' l-ewwel dokument li jinsab inserit fl-atti a fol.2 u ċioe' l-affidavit tal-investigating officer PC998, joħroġ ċar illi l-parti leża irrapurtat ġewwa l-għassa tal-pulizija fid-disgħa neqsin kwart ta' filgħaxija dwar inċident li kien seħħ ftit tal-ħin qabel u ċioe' għal ħabta tat-tmienja u kwart ta' filgħaxija u mhux ta' filgħodu kif hemm indikat fiċ-ċitazzjoni.*
>
> *Illi l-Qorti ftit għandha x'iżżid meta rinfaċċjata b'dan id-difett proċedurali billi l-akkużi kollha jirreferu għal ħin ieħor (08:15hrs) u ċioe' tnax-il siegħa qabel u mhux dak meta seħħ dan l-argument matrimonjali bejn il-koppja Gatt li allura kellu jiġi ndikat bħala "20:15hrs".*
>
> *Għaldaqstant għal motivi hawn fuq miġjuba l-appell ta' l-imputat jistħoqqlu akkoljiment abbażi ta' dan l-ewwel aggravvju minnu intentat. Il-Qorti għalhekk ma tarax illi hemm għalfejn tinoltra ruħha fi stħarriġ tal-impunjattiva l-oħra li jinsabu fir-rikors ta' l-appell.*
>
> *Għaldaqstant, il-Qorti qed tilqa' l-appell interpost, tħassar u tirrevoka is-sentenza appellata, u tgħaddi biex tillibera lill-appellant minn kull imputazzjoni u ħtija."*

*Umilment l-esponenti ttenni illi ġialadarba l-irwol tal-Pulizija Eżekuttiva a bażi tal-artikolu 346 tal-Kodiċi Kriminali huwa li inter alia "... li tikxef u tinvestiga r-reati li jsiru, li tiġbor il-provi, sew kontra sew favur il-persuna suspettata li tkun għamlet dak ir-reat, u li ġġib il-ħatjin, kemm l-awturi kemm il-kompliċi, quddiem l-awtorita' ġudizzjarja" kif ukoll fid-dawl tal-fatt illi jeżistu provi ċari illi l-esponenti irrapurtat illi tali vjolenza kienet seħħet fit-tmienja u kwart ta' filgħaxija u mhux kif effettivament il-Pulizija Eżekuttiva akkużat lil Clinton Gatt, jirriżulta illi, sforz it-traskuraġni u n-negliġenza tal-Pulizija Eżekuttiva, l-esponenti, għalkemm kienet vittma ta' vjolenza domestika, ma setgħet qatt tirċievi protezzjoni adekwata mill-istat.*

*Illi umilment l-esponenti tisħaq illi dan jammonta għal ksur tad-drittijiet fondamentali tagħha skond l-artikolu 36 tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 3 tal-Konvenzjoni Ewropea.*

*L-esponenti bir-rispett tissottometti illi tali vjolenza domestika tammonta għal trattament inuman hekk kif sanċit fl-artikolu 3 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem speċjalment fid-dawl tal-fatt illi tali aġir ġab miegħu u nissel fl-esponenti tbatija mentali w umiljazzjoni kif ukoll biża' kontinwa li ser tintuża vjolenza fiżika ulterjuri fil-konfront tagħha.*

*Jiġi rilevat ukoll illi ġialadarba l-ordni ta' protezzjoni maħruġa mill-Qorti tal-Maġistrati nhar it-13 ta' Jannar, 2017 ġiet revokata mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-14 ta' Diċembru, 2017, l-istat naqas milli jipproteġi lill-esponenti bi kwalunkwe forma ta' protezzjoni li jipprovdu l-liġijiet nostrana u konsegwentament dan nissel fl-esponenti biża' akbar li ser terġa' tiġi abbużata minn Clinton Gatt.*

*Kwindi għalkemm jirriżulta illi l-esponenti ġiet fiżikament u mentalment aggredita nhar l-24 ta' Settembru, 2016, sal-ġurnata tal-lum, ossia aktar minn sena u nofs wara dan l-abbuż, baqgħet qatt ma ġiet protetta mill-istat u dan frott it-traskuraġni u negliġenza tal-Pulizija Eżekuttiva hekk kif rappreżentati mill-intimat Kummissarju tal-Pulizija!!*

*In oltre għandu jiġi mfakkar illi kemm trattati tan-Nazzjonijiet Uniti kif ukoll il-ġurisprudenza tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem jgħallmu illi it-terminu 'trattament inuman u degradanti' ma jinkludix biss vjolenza fiżika iżda jiġbor fih ukoll sofferenza mentali.*

*Huwa paċifiku fil-ġurisprudenza tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem illi: "as regards the question whether the State could be held responsible, under Article 3, for ill-treatment inflicted on persons by non-State entities, the obligation on the High Contracting Parties under Article 1 of the Convention to secure to everyone within their jurisdiction the rights and freedoms defined in the Convention, taken together with Article 3, requires States to take measures designed to ensure that individuals*

*within their jurisdiction are not subjected to torture or inhuman or degrading treatment or punishment, including such ill-treatment administered by private individuals (see, mutatis mutandis, H.L.R. v. France, 29 April 1997, § 40, Reports 1997-III). These measures should provide effective protection, in particular, of children and other vulnerable persons, and include reasonable steps to prevent ill-treatment of which the authorities had or ought to have had knowledge (see, mutatis mutandis, Osman v. the United Kingdom, 28 October 1998, § 116, Reports 1998-VIII, and E. and Others v. the United Kingdom, no. 33218/96, § 88,26 November 2002)."*

*Di piu' il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem irriteniet illi "Treatment has been considered "degrading" when it was such as to arouse in its victims feelings of fear, anguish and inferiority, capable of humiliating and debasing them and possibly breaking their physical or moral resistance (see Hurtado v. Switzerland, 28 January 1994, § 67, Series A no. 280-A; and Wieser v. Austria, no. 2293/03, § 36,22 February 2007)."*

*Jiġi ribadit illi l-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem fid-deċiżjoni tagħha ta' nhar is-26 ta' Marzu, 2013 fl-ismijiet 'Valiuliene v. Lithuania' rriteniet illi:*

*"In this connection the Court notes that one of the purposes of imposing criminal sanctions is to restrain and deter the offender from causing further harm. However, these aims can hardly be achieved without having the facts of the case established by a competent criminal court. The Court thus cannot accept that the purpose of effective protection against acts of ill-treatment is achieved where the criminal proceedings are discontinued owing to the fact that the prosecution has become time-barred and where this has occurred, as is shown above, as a result of the flaws in the actions of the relevant State authorities (see Beganovic, cited above, § 85).*

*86. In the Court's view, the practices at issue in the present case, together with the manner in which the criminal-law mechanisms were implemented, did not provide adequate protection to the applicant against acts of violence. Therefore the Court finds that there has been a violation of Article 3 of the Convention."*

*Għaldaqstant fid-dawl tal-fatt illi:*

1. *Tali vjolenza domestika tammonta għal trattament inuman u degradanti a tenur tal-artikolu 3 tal-Konvenzjoni Ewropea; u*

    2. *L-istat naqas milli jipproteġi lill-esponenti minn tali trattament inuman u degradanti, l-esponenti tisħaq illi dan jammonta għal ksur tad-drittijiet fondamentali tagħha*

*skond l-artikolu 3S tal-Kostituzzjoni u l-artikoli 3 tal-Konvenzjoni Ewropea.*

*B. Dritt għar-Rispett għal Ħajja Privata u Familjari Tagħha (Artikolu 32 tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropea)*

*Huwa paċifiku illi d-dritt ta' kull individwu għar-rispett għall-Ħajja Privata u Familjari tiegħu hekk kif sanċit fl-artikolu 32 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropea jinkludi l-integrita' psikoloġika u fiżika tal-individwu.*

*Di piu' skont ġurisprudenza kostanti tal-Qorti Ewropea, l-Istat huwa obbligat jipproteġi l-integrita' fiżika u morali ta' kull individwu. Għal dan il-għan, l-istat għandu jżomm fis-seħħ mekkaniżmi legali adekwati sabiex jipproteġi kull individwu minn vjolenza kkawżata minn terzi persuni.*

*Fid-dawl tas-suespost, jiġi mfakkar illi l-Qorti Ewropea fis-sentenza tagħha ta' nhar it-23 ta' Ottubru, 2012 fl-ismijiet 'Irene Wilson v. the United Kingdom' rriteniet:*

*While the essential object of Article 8 of the Convention is to protect the individual against arbitrary action by public authorities, there may in addition be obligations inherent in effective "respect" for private and family life. Those obligations may involve the adoption of measures in the sphere of the relations between individuals. Children and other vulnerable individuals, in particular, are entitled to effective protection.*

*- The concept of private life includes a person's physical and psychological integrity. Under Article 8 States have a duty to protect the physical and psychological integrity of an individual from other persons. To that end, they are to maintain and apply in practice an adequate legal framework affording protection against acts of violence by private individuals.*

*- Victims of domestic violence are particularly vulnerable and the need for active State involvement in their protection has been emphasised in a number of international instruments (see paragraphs 35-36 above).*

*- The Court's task is not to substitute itself for the competent domestic authorities in determining the most appropriate methods for protecting individuals from attacks on their personal integrity, but rather to review under the Convention the decisions that those authorities have taken in the exercise of their discretionary powers."*

*Meta wieħed jinnota illi fil-każ odjern l-istat mhux talli naqas milli jipproteġi lill-esponenti bħala vittma ta' vjolenza domestika u ċioe' persuna*

*vulnerabbi iżda naqas ukoll milli jinvestiga u jressaq lill-aggressur b'mod diliġenti hekk kif rikjest mil-liġi, fl-umli fehma tar-rikorrenti tali aġir jilledi fuq id-dritt fundamentali tal-esponenti hekk kif salvagwardjat mill-Kostituzzjoni u mill-Konvenzjoni Ewropea.*

*Fid-dawl tal-fatt illi kif irrimarkat il-Qorti tal-Appell Kriminali stess, l-iżball magħmul mill-Pulizija Eżekuttiva fl-investigazzjoni u fl-andament tal-proċeduri kriminali fil-konfront tal-aggressur tal-imsemmija vjolenza domestika wassal għal-liberatorja ta' Clinton Gatt u konsegwentament l-esponenti tħalliet mingħajr ebda forma ta' protezzjoni, ir-rikorrenti tagħmel referenza għal sentenza oħra tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem fl-ismijiet 'Z.B. vs Croatia' deċiża nhar il-11 ta' Lulju, 2017:*

> *60. The Court notes at the outset that in the circumstances of the instant case, where the domestic law provided for public criminal prosecution, it is not for the Court to speculate on whether the applicant's criminal complaint should have been pursued by way of private prosecution (compare Valiulieng, cited above, § 85). The Court therefore rejects the Government's objection it has previously joined to fee merits (see paragraph 43 above). It consequently confines itself to noting feat fee competent State Attorney's Office failed to consider reclassifying fee charges against B.B. as offences of making serious threats and causing bodily harm to a family member under Articles 117 and 139 of fee 2011 Criminal Code (see paragraphs 22 and 29 above). It also notes feat fee competent criminal court discontinued fee proceedings against him on charges of domestic violence under Article 215a of fee 1997 Criminal Code without examining fee possibility of continuing fee proceedings under fee 2011 Code of Criminal Procedure by establishing fee continuity of incrimination under fee new provisions of criminal law as required under fee relevant domestic law (see paragraphs 26 and 29 above) and taking into account fee requirements of Article 7 of fee Convention (see Rohlena v. fee Czech Republic [GC], no. 59552/08, §§ 62, 70-72, ECHR 2015).*
>
> ***61. The domestic authorities thereby brought about a situation in which the circumstances of the alleged domestic violence against the applicant were never finally established by a competent court of law, resulting in B.B/s virtual impunity.*** *'*
>
> ***62. In the Court's view, the conduct of the domestic authorities in the present case, together with the manner in which the criminal-law mechanisms were implemented, were defective to the point of constituting a breach of the respondent State's***

***positive obligations under the Convention concerning the applicant's allegations of domestic violence.***

***63. The Court therefore finds that there has been a violation of Article 8 of the Convention."*** ***(sottolinear tal-esponenti)***

*Kwindi, fid-dawl tas-suespost, ir-rikorrenti tisħaqq illi dan jammonta għal ksur tad-drittijiet fondamentali tagħha skond l-artikolu 32 tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropea.*

***Konklużjoni***

*Fid-dawl tas-suespost l-esponenti umilment tisħaqq li huwa ampjament ċar li ġew leżi l-imsemmija drittijiet fondamentali tagħha. Il-ħsara li sofriet ir-rikorrenti minħabba tali ksur hija kbira speċjalment fid-dawl tal-fatt illi r-rikorrenti għadha sal-ġurnata tal-lum tibża' illi l-imsemmi Clinton Gatt jerġa' jħebb għaliha u għal darba oħra ssir vittma ta' vjolenza domestika.*

*Għaldaqstant ir-rikorrenti umilment titlob lil dina l-Onorabbli Qorti jogħġobha:*

1. *Tiddikjara l-aġir tal-intimati jew min minnhom, illegali u li jilledi d-drittijiet fondamentali tar-rikorrenti billi jiksru l-artikoli 32 u 36 tal-Kostituzzjoni ta' Malta, kif ukoll l-artikoli 3 u 8 tal-Konvenzjoni Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem, jew liem minnhom;*

2. *Tordna lill-intimati jew min minnhom iħallsu kumpens xieraq lir-rikorrenti, tenut kont iċ-ċirkostanzi kollha li l-Qorti tqis bħala rilevanti, inkluż iżda mhux limitatament għall-ħsara li sofriet l-esponenti minħabba l-aġir tal-intimati jew min minnhom; u*

3. *Tagħti dawk l-ordnijiet u direttivi oħra li jidhrilha xierqa skond il-liġi u ċirkostanzi tal-każ.*

2. Rat illi fit-14 ta' Mejju 2018 il-Kummissarju tal-Pulizija u l-**Avukat Ġenerali** sussegwentement indikat bħala **Avukat tal-Istat**, irrispondew għal dak mitlub billi qajjem is-segwenti difiżi:

*Illi t-talbiet tar-rikorrent għandhom jiġu miċħuda in toto fil-fatt u fid-dritt peress li ċ-ċirkostanzi tal-każ ma jirrappreżentaw l-ebda ksur tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti ai termini tal-Artikoli 32 li 36 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-artikoli 3 u 8 tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u Libertajiet Fundamentali u dan*

*għar-raġunijiet segwenti li qed jiġu hawn elenkati mingħajr preġudizzju għal xulxin:*

*1.1 Illi, in linea preliminari, ir-rikorrenti ma eżawrietx ir-rimedji ordinarji u għaldaqstant fl-umli fehma tal-esponenti, din l-Onorabbli Qorti għandha tiddeklina milli teżerċita s-setgħa tagħha ai termini tal-artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u tal-artikolu 4(2) tal-Konvenzjoni Ewropeja u dan peress li, kif qed issostni r-rikorrenti stess, ma kinux l-esponenti li allegatament ittrattaw b'mod inuman u degradanti lir-rikorrenti u li allegatament ma rrispettawx id-dritt tar-rikorrenti għall-ħajja privata u familjari tagħha u għalhekk, jekk ir-rikorrenti riedet xi forma ta' kumpens, kien imissha utilizzat proċeduri ordinarji għal danni fil-konfront ta' żewġha u mhux tiftaħ proċeduri straordinarji ta' din ix-xorta kontra min mhux talli ma kisrilha l-ebda dritt fundamentali iżda talli fil-fatt għamel l-almu tiegħu sabiex jipproteġiha;*

*1.2 Illi dawn huma proċeduri frivoli u vessatorji miftuħa a bażi ta' diżgwid li joħroġ minn relazzjonijiet matrimonjali li jkunu tkissru b'mod irrimedjabbli u ma jista' qatt jiġi aċċettat li proċeduri straordinarji bħalma huma l-proċeduri kostituzzjonali jissostitwixxu proċeduri ordinarji u jibdew jiġu utilizzati b'mod skorrett għall-aħħar bħala mezz kif jingħata kumpens lir-rikorrent mill-Istat a bażi ta' allegat ksur ta' drittijiet fundamentali minn persuna li ma tiffigurax f'dawn il-proċeduri;*

*1.3 Illi mhix il-funzjoni ta' din l-Onorabbli Qorti li ssir qorti ta' revizjoni għal deċiżjonijiet meħuda minn qrati jew tribunali ordinarji li jmorru oltre d-disposizzjonijiet stretti tal-Kostituzzjoni u tal-Konvenzjoni Ewropea;*

*2. Illi preliminarjament ukoll u mingħajr preġudizzju għall-paragrafi preċedenti, skont l-artikolu 181B tal-Kap.12 tal-Liċijiet ta' Malta, l-Avukat Ġenerali mhuwiex il-leġittimu kontradittur f'dawn il-proċeduri u konsegwentement għandu jiġi liberat mill-osservanza tal-ġudizzju. Fil-fatt, l-Avukat Ġenerali ma jiffigura mkien fir-rikors promotur u ma hemm l-ebda lment indirizzat lejh;*

*3. Illi fil-mertu u mingħajr preġudizzju għas-suespost, diffiċli ħafna wieħed jasal jifhem kif l-esponenti ma pproteġewx lir-rikorrenti minn trattament inuman u kif ma pproteġewx id-dritt tar-rikorrenti għall-ħajja privata u familjari tagħha, u dan għar-raġunijiet segwenti:*

*a. Illi jidher biċ-ċar li meta r-rikorrenti marret tagħmel ir-rapport fl-għassa tal-Pulizija, il-Pulizija kienu diliġenti, ħadu azzjoni mill-ewwel u mexxew bil-proċeduri kontra Clinton Gatt mingħajr ebda tkaxkir tas-saqajn, kif jirriżulta mill-proċeduri kriminali li nfetħu kontrih;*

*b. Illi mir-rekords li għandu l-Kummissarju esponent, jirriżulta li r-rikorrenti kienet tmur ta' spiss tagħmel rapporti mal-Pulizija fil-konfront ta' żewġha. Apparti r-rapport li ddaħħal minnha nhar l-24 ta' Settembru 2016, ir-rikorrenti qatt ma reġgħet irrappurtat li ħassitha mhedda jew imbeżża' minn żewġha jew minn xi aġir tiegħu fil-konfront tagħha. Illi jibqa' jiġi ribadit li sakemm ir-rikorrenti ma tagħmilx rapport mal-Pulizija, l-esponenti Kummissarju ma jista' qatt ikun jaf x'inhu għaddej bejn l-erba' ħitan tad-dar matrimonjali ta' koppja;*

*c. Illi kien jinkombi fuq ir-rikorrenti li tavża lill-Pulizija jekk kienet qed tħossha mhedda wara li nqatgħet is-sentenza. F'każ li ħasset din il-biża' u li verament sofriet mit-trattament inuman u degradanti li kienet qed tilmenta minnu, kien imissha ħadet azzjoni fil-pront u marret tirrapporta dak il-ħin. Min-numru ta' rapporti li saru, jidher li r-rikorrenti kienet waħda li rapport kienet tagħmlu fil-pront u ma kinitx taħsibha darbtejn. Huwa għalhekk li jekk tassew ħassitha mbeżża' b'xi mod minn żewġha, żgur li kienet iddaħħal rapport ieħor kontra żewġha. Iżda fi kwalunkwe każ, ma' dan l-esponenti jixtieq iżid li l-Qorti Kostituzzjonali fid-deċiżjoni mogħtija fl-20 ta' Diċembru 2000 fl-ismijiet Joseph Grech vs L-Avukat Ġenerali, għallmet li jekk il-partijiet għal xi raġuni jonqsu milli jagħmlu użu mill-opportunita' li l-liġi takkordalhom:*

*"Setgħu biss ilumu lilhom infushom illi jkunu tilfu, kienet x'kienet ir-raġuni, l-opportunita' li jagħmlu użu mill-mezzi mqiegħda għad-disposizzjoni tagħhom skond ir-regoli proċedurali. U jiggvernaw il-proċess".*

*d. Illi dan in-nuqqas minn naħa tagħha għandu jammonta għal prova li ma kien hemm xejn li jwassal għal rapport kontra żewġha minn naħa tagħha u konsegwentement, l-ilmenti miġjuba fir-rikors tagħha kontra l-esponent m'għandhomx mis-sewwa u għandhom jiġu miċħuda;*

*e. Illi tajjeb li jingħad ukoll li f'każ li r-rikorrenti ħassitha daqstant mheddha minn żewġha u ttrattata b'mod daqstant inuman u degradanti kien imissha telqet mid-dar u marret tieħu refuġju fid-diversi djar imwaqqfa apposta mill-Istat u minn organizzazzjonijiet mhux governattivi speċifikament biex jipproteġu lill-vittma ta' vjolenza domestika u lit-tfal. Daqstant jasal l-Istat li jipproteġi persuna minn bniedem vjolenti - u dan għall-kuntrarju ta' dak kollu li sostniet inġustament ir-rikorrenti fil-konfront tal-esponenti;*

*f. Illi minkejja l-allegata vjolenza, huwa fatt ta' min jinnutah li żewġ ir-rikorrenti ma mpedihiex milli tmur tagħmel ir-rapport dakinhar tal-24 ta' Settembru 2016 u dan jitfa' dubju serju fuq l-ilmenti sottomessi mir-rikorrenti;*

*g. Illi l-Kummissarju esponent u l-uffiċjali tal-Pulizija mxew dejjem skont il-liġi u n-nuqqas li ssemma' fir-rikors promotur kien żball ġenwin u*

*uman li ma jiffigurax fuq id-dokument tar-rapport li sar mir-rikorrenti fl-24 ta' Settembru 2016, liema rapport jinsab hawn mehmuż u mmarkat bħala 'Dok KP1';*

*g. Illi ma jista' qatt jiġi addettat li għax l-eżitu ta' kawżi ma jkunx kif mixtieq, persuni interessati jibdew jiftħu bl-addoċċ proċeduri kostituzzjonali kontra l-Istat għall-finijiet ta' kumpens fuq bażijiet imġebbda ta' ksur ta' drittijiet fundamentali minn ħaddieħor u mhux mill-Istat - preċiżament bħall-kawża odjerna;*

*3. Għalhekk, dak li ntqal sa issa għandu jidderieġi lil din l-Onorabbli Qorti sabiex tiddikjara li fil-konfront tar-rikorrenti ma kien hemm l-ebda vjolazzjoni tal-Artikoli msemmija fil-Kostituzzjoni u fil-Konvenzjoni mill-esponenti;*

*4. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.*

*GĦALDAQSTANT, l-esponent jitlob bir-rispett u umilment lil din l-Onorabbli Qorti jogħġobha tiċħad il-pretensjonijiet kollha kif dedotti fir-rikors promotur bħala infondati fil-fatt u fid-dritt stante li r-rikorrenti ma sofriet l-ebda ksur tad-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fondamentali minn naħa tal-esponenti, u dan bl-ispejjeż kontra l-istess rikorrenti.*

**Provi:**

3. Rat ix-xhieda *viva voce* ta' Maria Ruth Ciantar (fol 38) u dokumentazzjoni minnha ppreżentati, ossija l-atti tal-proċeduri fil-Qorti tal-Maġistrati u fil-Qorti tal-Appell Kriminali.

4. Rat ix-xhieda *viva voce* tal-Ispettur Christabellle Chetcuti (fol 80).

5. Rat ix-xhieda ta' Eileen Bartolo (fol 82).

6. Rat ix-xhieda ta'  Marie Claire Portelli (fol 91).

7. Rat ix-xhieda tal-Ispettur Eman Hayman (fol 109).

8. Rat ix-xhieda ta' Eileen Bartolo riprodotta (fol 126).

9. Rat ix-xhieda tal-Ispettur Eman Hayman (fol 133).

10. Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-Kummissarju tal-Pulizija u tal-Avukat tal-Istat ippreżentata fid-19 ta' Novembru 2020 (fol 143).

**Fatti tal-każ:**

11. Jirriżulta li l-każ odjern jikkonċerna deċiżjoni tal-Qrati mogħtija in konessjoni ma' inċident ta' vjolenza domestika datat 24 ta' Settembru 2016 li seħħ bejn ir-rikorrenti u r-raġel tagħha. Jirriżulta illi, wara li r-rikorrenti kienet ċemplet l-Għassa tal-Pulizija tagħmel rapport, sussegwentement kienu inħarġu akkużi fil-konfront ta' Clinton Gatt in konnessjoni ma' vjolenza domestika.

12. Jirriżulta, mill-proċess fil-proċeduri Kriminali "*Il-Pulizija vs Clinton Gatt*", deċiża finalment mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl-14 ta' Diċembru 2017 u ppreżentati fil-proċeduri odjerni, illi fit-13 ta' Jannar 2017, il-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti tal-Ġudikatura Kriminali, kienet sabet lill-imputat Clinton Gatt ħati tal-akkużi u imponiet ordni ta' protezzjoni ai termini tal-Artikolu 412C tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

13. Dakinhar stess tas-sentenza, Clinton Gatt talab is-sospensjoni tal-eżekuzzjoni tas-sentenza għall-fini tal-appell. Sussegwentement, il-Qorti tal-Appell Kriminali permezz ta' sentenza datata 14 ta' Diċembru 2017, laqgħet l-appell interpost minn Clinton Gatt, ħassret u rrevokat is-sentenza datata 13 ta' Jannar 2017, u lliberat lil Clinton Gatt minn kull imputazzjoni.

14. Jirriżulta, mid-deċiżjoni tal-Qorti tal-Appell Kriminali, illi kien hemm difett proċedurali, ossija żball, fil-ħin rappurtat mill-Pulizija, billi l-akkużi kollha jirreferu għat-8.15 ta' filgħodu u mhux it-8.15 ta' filgħaxija meta attwalment seħħ l-akkadut, ċioe` tnax il-siegħa qabel, u mhux meta fil-fatt seħħ l-argument matrimonjali bejn il-koppja. Għaldaqstant, l-appell tal-imputat, illi kien bbażat unikament fuq dana il-fattur, kien ġie akkolt abbażi tal-ewwel aggravju.

15. L-Ispettur Christabelle Chetcuti, quddiem dina l-Qorti, ikkonfermat fix-xhieda li, bħala proċedura adoperata mill-Pulizija, in segwitu għal dan il-każ rapportat minn Emiliya Gatt Valcheva, l-akkużi intbagħtu d-Depot, u sussegwentement dan il-każ mar quddiem seduta appożita quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Sede Familja), fejn din is-seduta tkun immexxija min Spettur ieħor stazzjonat hemmhekk.

16. Jirriżulta illi, mis-sistema adoperata, illi l-Pulizija stazzjonat fl-Ghassa fejn sar ir-rapport, ossija l-Għassa ta' Ħaż-Żabbar, mela *charge sheet,* eżebita fl-atti odjerni, fejn indika illi l-akkadut seħħ "*għall-ħabta tal-8.15pm*" (fol 138).

17. Jirriżulta illi sussegwentement, tali *charge sheet* intbagħtet fl-uffiċċju fl-istess għassa sabiex tiġi redatta f''***Taħrika ta' kawża tal-Pulizija***', liema taħrika, kif

redatta indikat erronjament illi l-akkadut seħħ "*għal ħabta ta' 08.15hrs*", u dana kif jidher fit-taħrika eżebita a fol 124.

18. Jirriżulta illi flimkien ma' tali taħrika, ġie redatt ukoll Affidavit tal-PC 998 fejn indika illi l-akkadut seħħ "**fit-8.15pm**", u dana kif jidher fl-affidavit ippreżentat fil-proċeduri odjerni a fol 122.

19. Jirriżulta illi, peress illi l-każ irrappurtat kien wieħed ta' Vjolenza Domestika u mhux każ li jimxi normalment fis-seduta tad-Distrett partikolari, it-'***Taħrika ta' Kawża tal-Pulzija***' kif redatta erronjament, flimkien mal-affidavit intbagħtu il-Principal Citations Office tal-Pulizija, ġewwa Floriana, sabiex dawna jiġu ttimbrati u pproċessati minn hemm.

20. Jirriżulta illi sussegwentement, uffiċċjal tal-Police Citations Office ittimbra t-Taħrika ta' Kawża tal-Pulizija fid-19 ta' Ottubru 2016, kif jidher fid-dokument a fol 124 tal-proċess, u pproċċessaha billi tintbagħat lill-kumpanija inkarigata biex toħroġ l-akkużi u ddaħħal fis-sistema kompjuterizzata u operata mis-soċjeta' Datatrack IT Services Limited.

21. Jirriżulta illi l-operatur tas-soċjeta' Datatrack IT Services Limited, fl-akkuża elettronika minnha maħruġa, eżebita a fol 125 tal-proċess, niżżlet id-data u ħin indikati fit-Taħrika redatta inizjalment ġewwa l-Għassa ta' Ħaż-Żabbar, ossija "*Nhar l-24 ta' Settembru 2016 għall-ħabta ta' 08.15hrs.*"

22. Jirriżulta illi tali taħrika ġiet evenwalment notifikata lil Clinton Gatt u, jidher illi l-Prosekuzzjoni, fl-ebda stadju tal-proċeduri quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta – Seduta tal-Familja) ma talbet korrezzjoni fl-akkużi sabiex l-iżball jiġi korrett.

23. In segwitu għall-każ deċiż mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl-14 ta' Diċembru 2017 ma jidhirx li saru l-ebda rapporti tar-rikorrent u lanqas ipproċediet bl-ebda mod ieħor. Ir-rikorrenti ipproċediet, mill-banda l-oħra, bil-każ odjern bl-ilment dwar trattament inuman u degradanti ai termini tal-artikolu 36 tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 3 tal-Konvenzjoni Ewropea.

**Ikkunsidrat**

24. Jirriżulta, mill-provi prodotti, illi r-rikorrenti qiegħda permezz tal-azzjoni preżenti, tilmenta li sofriet leżjoni tad-drittijiet taghha ai termini tal-artikolu 32 u 36 tal-Kostituzzjoni u kif ukoll l-Artikolu 3 u 8 tal-Konvenzjoni Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem.

25. Jirriżulta, mill-banda l-oħra, illi l-Kummissarju tal-Pulizija u l-Avukat tal-Istat, qajjmu s-segwenti difiżi:

    a. *Ir-rikorrenti ma eżawrietx ir-rimedji ordinarji.*
    b. *Il-proċeduri odjerni huma frivoli u vessatorji.*

c. *Mhijiex il-funzjoni ta' din il-Qorti li ssir Qorti ta' reviżjoni.*
d. *Skont l-artikolu 181B tal-Kap 12 l-Avukat Ġenerali mhuwiex il-leġittimu kontradittur u għandu jiġi illiberat mill-osservanza tal-ġudizzju.*
e. *Fil-mertu ġie eċċepit, li wara r-rapport tar-rikorrenti, l-Pulizija pproċedew immedjatament u mexxew kontra Clinton Gatt, u in segwitu għar-rapport tagħha tal-24 ta' Settembru 2016, ir-rikorrenti ma daħħlitx rapport ieħor lill-Pulizija.*

**L-eċċezzjonijiet preliminari tal-intimati Kummissarju tal-Pulizija u l-Avukat tal-Istat**

26. Jirriżulta li, permezz tal-ewwel eċċezzjoni preliminari, l-intimati eċċepew li r-rikorrenti ma eżawrietx ir-rimedji ordinarji, u għalhekk, ġie sottomess li din il-Qorti għandha tirrifjuta li teżerċita s-setgħa tagħha skont il-proviso tal-artikolu 46(1) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u tal-Artikolu 4(2) tal-att Dwar il-Konvenzjoni Ewropea (Kap 319 tal-Liġijiet ta' Malta) billi r-rikorrenti kellha rimedji oħra ordinarji disponibbli li hija ma utilizzatx, u anke peress li ma kinux l-intimati li allegatament itrattaw b'mod inuman u degradanti lir-rikorrenti. Għalhekk, in linea preliminari, l-intimati qed jistiednu lil din il-Qorti biex tirrifjuta li teżerċita s-setgħat skont il-proviso tal-artikolu 46(2) in kwantu, mir-rikors promotur, ma jirriżultax li r-rikorrenti eżawriet il-mezzi xierqa għall-ksur allegat. Il-proviso ghall-artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta jipprovdi:

> *"Iżda l-Qorti tista' jekk tqis li jkun desiderabbli li hekk tagħmel, tirrifjuta li teżerċita s-setgħat tagħha skont dan is-sub-artikolu f'kull każ meta tkun sodisfatta li mezzi xierqa ta' rimedju għal ksur allegat huma jew kienu disponibbli favur dik il-persuna skont xi liġi oħra."*

27. Jinstab kliem identiku fil-Artikolu 4(2) tal-Konvenzjoni Ewropea li jipprovdi sabiex id-dispożizzjonijiet sostantivi tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fondamentali jsiru u jkunu eżegwibbli bħala parti mil-Liġi ta' Malta.

28. L-akkoljiment o meno ta' din l-eċċezzjoni huwa fid-diskrezzjoni ta' din il-Qorti, liema diskrezzjoni għandha tiġi użata bi prudenza biex il-Prim' Awla Sede Kostituzzjonali ma tkunx inondata b'kawżi li jistgħu jiġu determinati bi proċeduri oħra. Jingħad ukoll, li l-eżistenza ta' rimedju ieħor għall-allegat ksur ta' jedd fundamentali taħt il-Kostituzzjoni jew taħt il-Konvenzjoni għandha tirriżulta bħala stat ta' fatt attwali. F'każ li ma jirriżultax u ma jigix ippruvat li kien hemm rimedju ieħor xieraq, il-Qorti trid tieħu konjizzjoni tal-ilment u f'każ li kien hemm rimedju ieħor, il-Qorti xorta jibqagħlha s-setgħa li tipproċedi u tiddeċiedi l-każ.

29. Relevanti huwa l-każ **George Scerri et vs L-Awtorita' ta' Malta Dwar l-Ambjent u l-Ippjanar** (45/2009), deċiża fl-1 ta' Frar 2011, fejn ingħad:

"*Illi meta bħal f'dan il-każ, quddiem din il-Qorti titqajjem l-eċċezzjoni li r-rikorrent ikun naqas li jinqeda minn rimedju ordinarju qabel ma jkun għadda biex iressaq kawża "Kostituzzjonali", il-kriterji li jridu jitqiesu biex Qorti tal-kompetenza "Kostituzzjonali" tagħżel li ma twettaqx is-setgħat tagħha li tisma' l-każ huma dawk li f'bosta sentenzi ssemmew u tfissru b'mod eżawrjenti.*"

Din il-Qorti ma jidhrilhiex li għandha toqgħod terġa' tfissirhom, u tillimita ruħha biex tirreferi għas-sentenza tagħha tat-30 ta' Ġunju 2005 fil-kawża **Tretyak vs Direttur taċ-Ċittadinanza u Expatriate Affairs (**22/05) deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fis-16 ta' Jannar 2006.

30. Jinkombi fuq l-intimati li qed jissollevaw din l-eċċezzjoni, li jippruvaw li kien hemm rimedju ieħor xieraq effettiv u adegwat. Biżżejjed jintwera li jkun hemm rimedju ieħor li jista' jiġi segwit b'mod effettiv u effikaċi. Minkejja dan, l-eżistenza ta' rimedju ieħor ma torbotx idejn il-Qorti milli tkompli tisma' l-każ kostituzzjonali mressaq quddiemha. Għalhekk, din il-Qorti jibqaghlha xorta d-diskrezzjoni li tagħżel li tkompli tisma' l-kawża.

31. Jiġi osservat li, fil-każ odjern, ir-rikorrenti qed tilmenta minn trattament inuman li sofriet konsegwenza ta' żewġha, u għalhekk jagħti l-każ li dan mhuwiex il-forum adattat sabiex hija tipproċedi kontra dan l-allegat trattament inuman da parti ta' żewġha. Ir-rimedji Kostituzzjonali huma rimedji aħħarija li wieħed m'għandux jirrikorri għalihom kif ġieb u laħaq, imma **unikament** jekk ma jkunx hemm rimedji oħra disponibbli taħt il-liġi ordinarja.

32. Din in-norma qiegħda hemm sabiex jiġi segwit l-ordni loġiku ġuridiku, għall-fini tal-ekonomija tal-ġudizzju u sabiex il-proċeduri Kostituzzjonali ma jiġux abbużati. Madankollu, peress li din in-norma mhijiex waħda assoluta, anke jekk kien jeżisti rimedju alternattiv, il-Qorti tista' tipproċedi bis-smiegħ tal-każ.

33. Fil-każ odjern, din il-Qorti tqis illi jkun opportun li l-kawża tar-rikorrenti tiġi kkunsidrata minn dina l-Qorti. Għalhekk, in vista tal-prinċipji enunċjati fil-ġursiprudenza aktar 'il fuq suċitata, din il-Qorti, ser tipproċedi bid-deċiżjoni għal dan il-każ.

34. Għalhekk, din l-ewwel eċċezzjoni qed tiġi miċħuda.

35. Fit-tieni eċċezzjoni preliminari tal-intimati, ġie eċċepit li l-proċedura odjerna hija frivola u vessatorja. Minn analiżi tal-atti tal-każ, il-mertu tal-każ odjern jitratta inċident, ergo ġlieda familjari konsegwenza ta' diżgwid u pika f'relazzjonijiet matrimonjali. Jiġi osservat li żewġ ir-rikorrenti ma jiffigurax f'din il-proċedura. Ir-rikorrenti qed tilmenta u tippretendi kumpens mill-istat, konsegwentement għal ġlieda familjari tagħha.

36. Il-Qorti tosserva li meta tiġi ntavolata kawża kostituzzjonali, tajjeb jingħad, li l-proċedura użata hija proċedura straordinarja fejn huwa rimedju aħħari, meta ma

jkunx għad hemm lok għal rimedju fid-dritt privat. Illi f'dan il-każ, il-ksur tal-jedd fundamentali jista' jsib rimedju fid-dritt privat.

37. Illi kif ingħad fil-każ **George Spiteri vs Policy Manager tal-Malta Shipyards** deċiż mill-Qorti Kostituzzjonali fis-27 ta' Marzu 2015:

> "*ksur ta' dritt fundamentali huwa minnu innifsu att illeċitu u għalhekk huwa wkoll delitt ċivili, bil-konsegwenzi kollha, fosthom it-tnissil ta' jedd għal risarċiment u għal danni.*"

38. Dana ntqal ukoll fil-kawża **Meliza Muscat et vs Id-Direttur Tal-Faċilita` Korrettiva ta' Kordin** (200/19) deċiża mill-Prim' Awla Sede Kostituzzjonali fit-2 ta' Settembru 2020.

39. Il-Qorti tosserva, għal darba oħra, illi l-kawża odjerna hija waħda prinċipalment għal kumpens, liema talba għall-kumpens skattat riżultat ta' ġlieda familjari bejn il-konjuġi Gatt u ġiet mogħtija xejra Kostituzzjonali in vista ta' żball amministrattiv da' parte tal-Pulizija – dina ma hijiex kwistjoni Kostituzzjonali, u qatt ma messha ġiet maħsuba bħala tali! Din hija purament kwistjoni ċivili u **qatt ma messha ingħatat ix-xejra Kostituzzjonali illi ngħatat!!**

40. Għalhekk, din il-Qorti tqis, li fiċ-ċirkostanzi kien skorrett li qed tintuża din il-proċedura straordinarja, li m'għandhiex tiġi abbużata. Għalhekk, tilqa' din l-eċċezzjoni preliminari u tiddikjara li t-talba odjerna hija frivola u vessatorja.

41. Eċċezzjoni preliminari oħra mqajjma mill-intimati kienet fis-sens illi mhijiex il-funzjoni ta' din il-Qorti li ssir Qorti ta' Reviżjoni. Hawnhekk, di fatti, r-rikorrenti qed tilmenta minn deċiżjoni meħuda minn Qrati ordinarji, fejn ir-rikorrenti kellha mezzi u rimedji oħra, li hija bl-ebda mod ma eżawriet. Il-Qorti Ċivili, Sede Kostituzzjonali, m'għandhiex tgħarbel u tistħarreġ deċiżjonijiet meħuda minn qrati jew tribunali ordinarji. Dan żgur ma jaqax fil-mansjonijiet tal-Qorti Kostituzzjonali. Għalhekk, din il-Qorti ser tilqa' din l-eċċezzjoni preliminari tal-intimati.

42. Eċċezzjoni oħra, ta' natura preliminari hija fis-sens li, skont l-Artikolu 181B tal-Kap 12, l-Avukat Ġenerali mhuwiex il-leġittimu kontradittur u għandu jiġi lliberat mill-osservanza tal-ġudizzju.

43. Fil-każ in ezami, r-rikorrenti qed tilmenta minn żball fil-ħin tal-akkuża, liema żball bl-ebda mod ma kien involut fih l-Avukat tal-Istat. Fil-fatt, l-Avukat tal-Istat m'għandux il-mansjoni jirċievi rapport u joħroġ akkużi u taħrikiet b'mod elettroniku.

44. Fil-każ in eżami, ir-rikorrenti qiegħda tilmenta minn żball li sar fil-ħin tal-akkuza. Joħroġ ċar mill-provi imressqa, li l-ipproċessar tad-data fir-rigward tal-akkużi sar mis-soċjeta' Datatrak li, mill-parti tagħha, kienet qed tipproċessa data redatta erronjament mill-Pulizija. Għalhekk, l-argument sottomess mill-Avukat tal-Istat li

hu, bl-ebda mod ma kien involut f'dan l-iżball, huwa wieħed korret u għalhekk, f'din il-proċedura, huwa ġie mħarrek inutilment u għandu jinħeles mill-osservanza tal-ġudizzju.

45. F'dan il-kuntest, huwa relevanti **l-Artikolu 181B tal-Kap 12** li fl-ewwel subinċiż (1) jgħid hekk: "*Il-Gvern għandu jkun rappreżentat fl-atti u fl-azzjonijiet ġudizzjarji mill-Kap tad-Dipartiment tal-Gvern li jkun inkarigat fil-materja in kwistjoni*........." Fit-tieni subinċiż tal-istess **Artikolu 181B(2)** jingħad: "*L-Avukat tal-Istat jirrappreżenta lill-Gvern f'dawk l-atti u l-azzjonijiet ġudizzjarji li minħabba n-natura tat-talba ma jkunux jistgħu jiġu diretti kontra xi wieħed jew aktar mill-kapijiet tad-dipartimenti l-oħra tal-Gvern.*"

46. Referibbilment għal din l-eċċezzjoni, fis-sottomissjonijiet tal-intimati, bħala analoġija, saret referenza għall-kawżi fejn kien hemm ordni ta' rekwiżizzjoni maħruġa mill-Awtorita` tad-Djar; **Margaret Galea et vs L-Awtorita` tad-Djar et** deċiża mill-Prim' Awla Qorti Ċivili fis-16 ta' April 2015, **Louis Apap Bologna vs Calcidon Ciantar et** deċiża mill-Prim' Awla Qorti Ċivili fl-14 ta' Lulju 2011; **Mattei John vs L-Awtorita` tad-Djar et** deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fit-8 ta' Ottubru 2018. Fl-istess sottomissjonijiet, saret referenza wkoll għall-kawżi ta' esproprjazzjoni mill-Awtorita` tal-Artijiet, **Maurice Pisani vs L-Awtorita` tal-Artijiet et** deċiża fit-30 ta' April 2019. F'dawn il-kawżi, kemm ir-rekwiżizzjoni u kemm l-esproprju ma kienx involut fihom l-Avukat Ġenerali, għalhekk, kien ġie dikjarat li mhuwiex il-leġittimu kontradittur u li għandu jiġi illiberat mill-osservanza tal-ġudizzju.

47. Kif tajjeb sottomess fis-sottomissjonijiet, dan l-insenjament fil-ġurisprudenza suċitata għandu japplika *mutatis mutandis* għall-każ in eżami. Huwa evidenti li l-Avukat tal-Istat mhuwiex l-awtorita` kompetenti biex joħroġ rapporti, taħrikiet u akkużi.

48. Għaldaqstant, in vista tal-artikolu tal-liġi, l-artikolu 181B tal-Kap 12, u in vista ta' dak enunċjat fil-ġurisprudenza, l-Avukat tal-Istat mhuwiex il-leġittimu kontradittur fil-każ odjern, konsegwentement għandu jiġi lliberat mill-osservanza tal-ġudizzju. Għalhekk, din il-Qorti qed tilqa' wkoll din l-eċċezzjoni.

## Meritu tal-każ

49. Jirriżulta illi r-rikorrenti, permezz tal-proċeduri odjerni, qiegħda tikkontendi li d-drittijiet fundamentali tagħha ġew leżi wara li hija ma ġietx protetta mill-Istat, u dana wara li hija sofriet vjolenza domestika.

50. Hawnhekk, tajjeb jiġi osservat, kif sewwa sottolineat mill-intimati, li wara r-rapport tar-rikorrenti l-Għassa tal-Pulizija, il-Pulizija mexxew immedjatament kontra Clinton Gatt. Inoltre`, minbarra r-rapport datat 24 ta' Settembru 2016, ma reġax daħal rapport ieħor, lanqas wara li ġiet deċiża s-sentenza mill-Qorti tal-Appell Kriminali. Di piu`, li r-rikorrenti kienet daqstant mhedda, u trattata b'mod inuman

u degradanti, hija kienet titlaq mid-dar u tfittex rifuġju f'waħda mid-djar imwaqqfa mill-Istat. Madankollu, xejn minn dan ma jirriżulta li sar da parti tar-rikorrenti. Hija iddeċidiet minnufih li tmexxi b'din il-proċedura Kostituzzjonali li hija proċedura straordinarja.

51. Ir-rikorrenti qed tilmenta minn trattament inuman ai termini tal-Artikolu 3 tal-Konvenzjoni Ewropeja. Il-Qorti tosserva illi l-Artikolu 3 jipprovdi hekk:

> "*Ħadd m'għandu jkun issoġġettat għal tortura jew għal trattament jew piena inumana jew degradanti*"

52. Il-Qorti tħoss illi jinkombi fuq li r-rikorrenti tipprova li hija ġiet assoġġettata għal tortura jew għal trattament jew piena inumana jew degradanti. Infatti fil-kawża **Joseph Zahra vs Ministru tal-Ġustizzja et**. deċiża mill-Prim' Awla, fl-4 ta' Ottubru 1990, ġie deċiż li trattament inuman ikopri tbatija mentali u fiżika. Trattament inuman jivvjola id-dinjita` umana tal-bniedem. Ukoll fil-każ **Dr. Irene Bonello vs Onorevoli Prim Ministru** deċiża fil-5 ta' Ottubru 1998, il-Qorti rriteniet li:

> "*it-trattament degradanti li trid il-liġi jrid ikun marbut ma' sitwazzjoni fejn l-oġġett ta' tali deportament ikun taħt il-kontroll tal-persuna li teżerċitah u inoltre li tali trattament ikun ta' ċerta gravita*."

53. Għalhekk, huwa ferm importanti jiġi ribadit li, sabiex ilment dwar l-Artikolu 3 tal-Konvenzjoni Ewropeja jintlaqa', jeħtieġ numru ta' elementi, fosthom trattament inuman u degradanti, u/jew, deportazzjoni għal pajjiż b'riskju ta' tortura u trattament inuman. Dawn l-elementi jissemmew fil-każ **Abdul Hakim Hassan Abdulle et VS Ministru tal-Ġustizzja et** (56/2007) deċiża mill- Prim' Awla (Sede Kostituzzjonali) fid-29 ta' Novembru 2011. Jiġi osservat, li mill-banda l-oħra, l-kawżi ċitati fir-rikors promotur, fejn waslu għall-konklużjoni ta' drittijiet leżi b'referenza għall-Artikolu 3 tal-Konvenzjoni Ewropea m'għandhom l-ebda ness u applikabilita` għall-każ odjern.

54. Abbażi ta' dawn il-prinċipji din il-Qorti trid tqis l-isfond tar-riżultanzi fil-każ in kwistjoni.

55. Illi jidher mir-rekords tal-Pulizija, li r-rikorrenti kienet tagħmel rapport ta' spiss fil-konfront ta' żewġha. Madankollu jirriżulta li wara r-rapport tal-Pulizija datat 24 ta' Settembru 2016 (Dok EH1) eżebit a fol 120 hija ma għamlitx aktar rapporti.

56. Jingħad fl-ewwel lok, li f'każ li hija kienet verament mhedda u trattata b'mod inuman fir-relazzjoni konjugali, hi ċertament kienet tipproċedi b'rapporti varji ulterjuri, kif kellha kull dritt li tagħmel. Iżda dan ma sarx. Jinkombi dejjem fuq ir-rikorrenti li tavża lill-Pulizija f'każ illi għandha bżonn il-protezzjoni, u, fil-fatt l-**Artikolu 347 tal-Kap. 9** jistipula:

> "*Il-Pulizija ma timxix ħlief b'talba tal-parti privata fil-każijiet li fihom il-liġi ma tagħtix li l-azzjoni titmexxa mingħajr dik it-talba.*"

57. Kif ukoll, **L-Artikolu 346 (1) tal-Kap 9** jipprovdi li:

> "*Huwa dmir tal-Pulizija li żżomm l-ordni u l-kwiet pubbliku, li ma tħallix isiru reati, li tikxef u tinvestiga r-reati li jsiru, li tiġbor il-provi, sew favur il-persuna suspettata li tkun għamlet dak ir-reat, u li ġġib il-ħatjin, kemm l-awturi kemm il-kompliċi, quddiem l-awtorita' ġudizzjarja.*"

58. L-**Artikolu 346 (3) tal-Kap 9** jistipola li:

> "*Il-Pulizija, fil-qadi tad-dmirijiet tagħha, għandha tieħu l-miżuri kollha neċessarji għall-protezzjoni immedjata tal-vittmi wara li ssir valutazzjoni skont il-każ.*"

59. Il-Qorti tosserva li, fil-każ odjern, ir-rikorrenti ma' ppruvat bl-ebda mod l-allegazzjoni tagħha li l-istat naqas jipproteġiha mit-trattament inuman u degradanti li qed tilmenta minnu. Jiġi osservat ukoll li hija naqset li tippreżenta nota ta' sottomissjonijiet, kif kellha kull dritt li tagħmel sabiex tenunċja il-prinċipji legali li hija qed tilmenta minnhom.

60. Minkejja l-vjolenza allegata da parti ta' żewġ ir-rikorrenti, ma jirriżultax li huwa qatt impediha li tmur tagħmel rapporti fl-Għassa tal-Pulizija. Di piu' ma' jirriżultax lanqas li r-rikorrenti qatt irrikorriet għal ċentri mwaqqfa mill-istat għal min isofri vjolenza domestika.

61. L-ilment tar-rikorrenti huwa direttament konness ma' żball fil-ħin ta' meta' kien seħħ id-diżgwid tagħha ma' żewġha u ħebb għaliha. Jirriżulta illi dana l-iżball seħħ ġewwa l-Għassa ta' Ħaż-Żabbar meta, min kien responsabbli biex jirrediġi f'Taħrika ta' Proċedura Kriminali, ic-*Charge Sheet* redatta korrettement mill-PC 998, erronjament ġie indikat il-ħin bħala 8:15, mingħajr ebda indikazzjoni jekk tali ħin kienx 'A.M', ossija ta' filgħodu, jew inkella 'P.M', ossija ta' filgħaxija, kif kellu jkun. Tali żball ma ġiex identifikat u korrett la mill-Uffiċċjal finalment responsabbli fl-Għassa ta' Ħaż Żabbar u wisq anqas mill-Uffiċċjali responsabbli tal-Principal Citations Office, u eventwalment ġie ripetut mill-kumpanija inkarigata biex iddaħħal id-dettalji fis-sistema elettronika taċ-ċitazzjonijiet, li kienet Datatrak IT Services Ltd, li bir-raġun irripproduċiet l-akkużi kif redatti mill-Għassa ta' Ħaż-Żabbar mingħajr ma kellha l-ħtieġa li tivverifikahom mill-ġdid, obbligu illi kien jinkombi unikament fuq il-Pulizija.

62. L-ilment tar-rikorrenti huwa ippernjat biss fuq dan l-iżball fil-ħin indikat fl-akkuża, li l-Qorti ma għandha ebda raġuni ma tqisx bħala ġenwin, għalkemm ċertament riżultat ta' inkompetenza fi ħdan l-Għassa ta' Ħaż-Żabbar.

63. Il-Qorti tosserva illi r-rikorrenti, fil-proċeduri kriminali quddiem il-Qorti tal-Maġistrati, fis-seduti tat-22 ta' Novembru 2016 kif ukoll fit-13 ta' Jannar 2017,

dehret assista minn Avukat, kif kellha kull dritt illi tagħmel, kif jidher minn fol 9 u 13 tal-proċeduri kriminali annessi mal-kawża odjerna.

64. Tosserva wkoll, u temfasizza li, waqt tali proċeduri fl-ebda mument ma hija talbet korrezzjoni fl-akkużi sabiex l-iżball illi sar jiġi korrett, liema żball seta' jiġi faċilment korrett mingħajr preġudizzju għal kwalsiasi kwistjoni ta' preskrizzjoni fuq l-akkużi illi nġiebu fil-konfront tar-raġel tagħha, Clinton Gatt.

65. Il-Qorti tifhem illi r-rikorrenti kellha kull opportunita illi tqajjem l-ilment tagħha dwar żball waqt il-proċeduri kriminali, ħaġa illi hija ma għamlitx.

66. Il-Qorti tifhem ukoll illi l-azzjoni kriminali minnha rappurtata, li ġġorr magħha pieni ta' delitt u għalhekk milquta bi preskrizzjoni ta' sentejn, setgħet faċilment terġa' titressaq mill-ġdid fil-konfront tar-raġel tagħha wara illi d-deċiżjoni tal-Qorti tal-Appell tal-14 ta' Diċembru 2017, stante illi l-perjodu ta' preskrizzjoni kien għadu għaddej, iżda dana ma sarx – minflok saret il-kawża Kostituzzjonali.

67. Il-Qorti tifhem illi r-rikorrenti tista' tħossha offiża u urtata mill-inkompetenza murija mill-Uffiċċjal inkarigat ġewwa l-Għassa ta' Ħaż-Żabbar biex jirrediġi t-'**Taħrika ta' kawża tal-Pulizija**' meta niżżel il-ħin ħażin fl-akkuża, iżda ċertament ir-rikorrent kellha mezzi oħra a disposizzjoni tagħha sabiex tipproteġi l-interessi tagħha, u ċertament proċeduri Kostituzzjonali, kif lilha suġġerit, ma kinux tali mezzi.

68. Il-Qorti, għal darba ohra, ma tistax ma tikkundannax l-abbuż illi qed isir mill-proċeduri Kostituzzjonali minn numru żgħir ta' konsulenti legali illi, għal raġunijiet illi huma biss jafu, flok ma jipproteġu d-drittijiet tal-klijenti tagħhom billi jressqulhom l-azzjoni lilhom mistħoqqa, jniedu dawna l-proċeduri Kostituzzjonali mingħajr ma għandhom ebda bażi ta' indole Kostituzzjonali fl-ilment tagħhom – tali aġir huwa tassew li għandu jiġi kkundannat minn dina l-Qorti bħala wieħed abbużiv.

**Konklużjoni**

Il-Qorti;

Wara illi rat l-atti kollha proċesswali kollha ppreżentati quddiemha,

Wara illi rat is-sottomissjonijiet tal-Kummissarju tal-Pulizija u tal-Avukat tal-Istat.

Tgħaddi biex taqta' u tiddeċiedi l-vertenza odjerna billi:

Tiċħad l-ewwel eċċezzjoni preliminari tal-intimati.

Tilqa' l-aħħar eċċezzjoni preliminari, u tiddikjara li l-Avukat tal-Istat mhuwiex il-leġittimu kontradittur u għandu jiġi lliberat mill-osservanza tal-ġudizzju.

**Tilqa'** l-eċċezzjonijiet preliminari l-oħra kollha, kif ukoll dawk fil-meritu tal-intimat Kummissarju tal-Pulizija u tal-Avukat tal-Istat għar-raġunijiet spjegati.

**Tiċħad** it-talbiet kollha tar-rikorrenti**.**

**Tiddikjara** l-azzjoni odjerna bħala waħda frivola u vessatorja għal finijiet kollha tal-Liġi.

**L-ispejjeż** għall-proċeduri odjerni għandhom ikunu a kariku tar-rikorrenti.

**Francesco Depasquale LL.D. LL.M. (IMLI)**
Imħallef

**Rita Sciberras**
Deputat Reġistratur